# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 26 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 15/2025 JPG**
**Kawza nru.: 20**

**MZB**
**U**
**SZ**
**Vs**
**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 13 ta' Jannar 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti partijiet zzewgu nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) [Vide **Dok A**];*

*Illi minn dana z-zwieg twieldu tlett (3) itfal;*

*Illi l-istess partijiet huma legalment separati permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Personali Konsenswali ppublikat fl-Atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri nhar il-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) [Vide **Dok B**];*

*Illi l-istess partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal diversi snin u ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante li minbarra li ilhom mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-Kommunjoni tal-Akkwisti giet xolta permezz tal-istess Kuntratt ta' Separazzjoni Konsenswali su-citat;*

*Illi l-istess partijiet qeghdin jipprezentaw kopji tal-Affidavits taghhom li qeghdin jigu hawn anessi u mmarkati bhala* ***Dok. MZB01*** *u* ***Dok. SZ01****;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-Divorzju skont l-Artikolu Sitta u Sittin Ittra Kapitali B (66B) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta];*

*Illi l-esponenti jafu b'dawna l-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti partijiet umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti , javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-istess partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MZB xehdet (vide affidavit a fol 11)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar s-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 11 ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' arretrati ta' manteniment. Huma t-tnejn ghandhom hajja separata u indipendenti minn xulxin.

**SZ xehed (vide affidavit a fol 12)** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-***

> ***ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-tlieta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) liema zwieg jgib certifikat numru 2140/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri nhar il-11 ta'Jannar 2012 (Vide Dok B a fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2140/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**